MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES,
FOOD AND ANIMAL RIGHTS

Animal Health and Welfare Department

Veterinary Regulation Directorate
Abattoir Street, Albert Town, Marsa, MRS 1123 - Malta

# Linji Gwida u Kundizzjonijiet dwar l-Equine Herpes Virus

## Rinopulmonite ekwina

Ir-Rinopulmonite ekwina hija kkawżata minn disa' equid herpesviruses (EHVs) differenti. L-alphaherpesvirus EHV-1 u 4 huma l-aktar komuni u l-aktar importanti klinikament fi żwiemel domestiċi, u jikkawżaw diversi kundizzjonijiet li huma kuntaġġużi:

- Mard tas-sistema respiratorja ta' severità li tvarja (relatata mal-età u l-istat immunoloġiku tal-annimal infettat)
- Abort
- Disfunzjoni  u mard u newroloġiku

Infezzjoni latenti u ri-attivazzjoni ta' infezzjoni minħabba stress, b'tixrid sussegwenti tal-virus, tagħmel l-eliminazzjoni ta' dawn il-virus impossibbli.

### Kundizzjonijiet għall-Importazzjoni ta' Ekwidi

Importaturi huma mwissijja li għaż-żwiemel kollha (ukoll jekk ivvaċċinati kontra l-EHV) li ser jaslu fil-gżejjer għandhom:

1. jimlew il-formola EquineImport01 u jibagħtuha bil-posta elettronika lid-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja (VRD) fuq karin.gatt@gov.mt, tal-anqas 15-il jum ta' xogħol qabel ma jibda t-trasport lejn Malta, għall-approvazzjoni tal-importazzjoni,
2. jinżammu fi kwarantina, fil-post tal-oriġini tagħhom, jew lokalment, għal 21 jum,
3. jippreżentaw riżultat negattiv tal-PCR, li jkun sar sa massimu ta' 72 siegħa qabel it-tluq minn pajjiż barrani, jew lokalment qabel ir-rilaxx mill-kwarantina.
4. jippreżentaw ċertifikat veterinarju internazzjonali li jirrifletti l-perjodu ta' kwarantina u l-istat ta' saħħet iż-żiemel.

Minħabba s-severità potenzjali u tbatija kkaġunata mill-marda, nirrakkomandaw bil-qawwa lis-sidien lokali taż-żwiemel sabiex jikkonsultaw mal-VRD, jew mal-veterinarji taż-żwiemel tagħhom, jekk għandhomx jivvaċċinaw l-annimali tagħhom.

Il-virus jista' jkun rieqed f'ħafna annimali li jidhru f'saħħithom, u jiġi attivat b'kundizzjonijiet ta' stress, li għaldaqstant għandhom jiġu evitati, jew imnaqqsa (eż. trasport, tħarbit ta' gruppi soċjali stabbiliti, dieta inadegwata, eċċ.). L-annimali kollha li għadhom kif inxtraw, jew li ġew introdotti, għandhom jitpoġġew fi kwarantina għal perjodu ta' 21 jum. Din hija miżura ta' bijosigurtà normali u rakkomandabbli, li għandha tipproteġi kontra mard infettiv ieħor f'kull każ.

24.3.2021